MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2006

Numru 961/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Cilia**

v

**NATALINA sive NATHALIE MIFSUD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **NATALINA sive NATHALIE MIFSUD** ta' hamsin sena, mart Rokku, bint il-mejjet Carmel u Rosina nee Sammut, imwielda B'Kara nhar t-tnax ta' Dicembru 1951 u residenti 'Rainbow', Triq il-Pitkali, H'Attard, detentrici tal-karta tal-identita numru 912751M giet imressqa quddiemha akkuzata talli fl-ghoxrin ta' Settembru 2001, ghal habta tal-hdax ta' filghodu, f'H'Attard, ikkommettiet serq ta' frames tar-ritratti mill-fond

‘Roseville’ Triq is-Sienja, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u bil-mezz u li sar ghad-dannu ta’ Ronald Sultana.

Talli nhar l-hamsa ta’ Lulju 2002, u matul l-ghaxar xhur t’a qabel xjentement b’kull mod li jkun, laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’’erq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn w ghoxrin ta’ Novembru 2002, sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputata din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Semghet lil imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tmintax ta’ Novembru 2003 [fol 57].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom il-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Awissu 2003 [fol 13 et seq tal-atti].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tmintax ta’ Novembru 2003, **xehed l-Ispettur Jeffrey Cilia** [fol 58] fejn qal li nhar l-ghoxrin ta’ Settembru 2001, ghal xi l-hdax ta’ filghodu, Ronald Sultana li joqghod ‘Roseville’ Triq s-Sienja, H’Attard, kien ghamel rapport, li kien skopra li xi hadd kien dahallu fid-dar tieghu billi sgassa l-bieb ta’ barra u minn gewwa seraqlu zewgt inkwadri li fihom kien hemm xi ritratti tal-familja tieghu. Qal li hu kien gie moghti struzzjonijiet sabiex imur fuq il-post u meta mar hemmhekk sab li wiehed mill-bibien ta’ barra tal-imsemmi fond kien sgassat u minn gewwa kienu nsterqu biss dawn iz-zewgt inkwadri. Zied jghid li l-malvivent kull ma ghamel biex fetah dan il-bieb kien biss li

imbuttah b'idu. Qal li meta tkellem ma Ronald Sultana, dan kien qallu li l-lock ta' dan il-bieb kien difettuz, ma kienx jillokkja, kemm jingibed biss.

Kompla jghid li l-inkwadri in kwistjoni ma tantx kienu jiswew, kienu tal-injam miksi bid-drapp, kienu zewg photo frames b'xi ritratti tal-familja Sultana. Zied jghid li mal-bieb kien hemm xi grif u xi kliem oxxen, pero dan kien sar ftit qabel l-kaz in dezamina.

Qal li hu kompla bl-investigazzjoni tieghu u xi ftit wara Ronald Sultana kien cempillu u qallu li xi hadd kien irritorna l-inkwadri go basket tal-plastic pero kien qattaghhom bicciet. Qal li l-*photo frames* gew ritornati pero r-ritratti ma kienux hemmhekk. Spjega li min hadhom, nehha r-ritratti, kisser il-frames, qattaghhom bicciet, ghamilhom go basket tal-plastic u wahhalhom mal-pum tal-bieb ta' barra. Qal li dan kien ghal habta tal-Milied. Zied jghid li dawn gew elevati minn membri tal-forensika sabiex isiru l-ezamijiet relevanti fuqhom.

Kompla jghid li ghal habta ta' Lulju 2002, kien cempillu Ronald Sultana w infurmah li xi hadd kien ghadu kemm daqq il-qanpiena tal-bieb ta' barra tieghu u meta mar biex jiftah, sab wiehed mir-ritratti misruqa, imqatta bicciet u mixhut fuq l-ghatba tal-bieb ta' barra. Qallu wkoll li meta ttawwal mill-bieb ra mara niezla l'isfel mit-triq w ghalhekk issuspetta fiha. Qallu wkoll li hu mar jigri warajha u meta lahaqha din bdiet toffendih u tkellmu hazin w ghalhekk rega' mar lura d-dar, qabad il-karozza u mar isegwiha fit-triqat ta' H'Attard. Qallu wkoll li sakemm qaghad idur bil-karozza cempel lil pulizija ghal assistenza minn fejn kienu ntbaghtu PC 101 u PC 908 fuq il-post li arrestaw lil imputata odjerna u nizzluha d-depot.

Minn aktar stharrig irrizulta li l-imputata kienet toqghod vicin hafna ta' Ronald Sultana u meta tkellem maghha, wara li taha s-solita twissija, din innegat li kienet qatt dahlet ghand Ronald Sultana w ghalhekk kien baghat lil PS 836 Alexander Taliana sabiex jaghmel tfittxija fid-dar taghha 'Rainbow', Triq il-Pitkali, H'Attard fejn instabu r-ritratti misruqa mid-dar ta' Ronald Sultana li kienu f'*photo*

*frames* fil-*washroom*. Ix-xhud esibixxa hames ritratti li gew immarkati bhala dokument JC w ir-ritratt imqatta li gie mmarkat bhala dokument JC 1. Kompla jghid li wara li sabu dawn r-ritratti, kien rega' tkellem mal-imputat li ammettiet li kienet dahlet fid-dar ta' Ronald Sultana biex tbezzaghhom, biex jahsbu li xi hadd kien qed jigri warajhom. Qaltlu wkoll li ghamlet hekk ghaliex l-familja Sultana kienu jdejjquha billi joqghodu jittawwlu mit-tieqa ghal ghandha. Qal li hu ha l-istqarrija minghand l-imputata wara li taha s-solita twissija fil-presenza ta' WPS 83 Sandra Galea Sillato li esibixxa bhala dokument JC 2.

Ix-xhud ikkonferma kemm il-firma tieghu, dik ta' WPS 83 Sandra Galea Sillato kif wkoll tal-imputata fuq l-istess stqarrija. Kompla jghid li sussegwentenment kien ipprova jikkuntattja lir-ragel tal-imputata, pero peress li m'irnexxilux, huwa kellem lil binha Omar Mifsud li qallu li ommu kellha storja psikjatrika u fil-passat kienet hadet trattament psikjatriku u kien hemm xi zmien li kienet rikoverata l-isptar Monte Carmeli wkoll. Qal li binha kien qallu wkoll li t-tabib kuranti taghha kien Doctor Peter Micallef. Zied jghid li meta ghamel kuntatt ma Doctor Peter Micallef, dan ikkonfermalu dan kollu u talbu biex imur jinvista lil imputata pero irreferih ghand t-tabib tal-Floriana Health Centre. Qal li hu ghalhekk ha lil imputata hemmhekk fejn giet invistata minn Doctor Balzan li rreferiha l-psychiatric unit tal-isptar San Luqa u din kienet giet rilaxxjata mill-arrest.

L-Ispettur Jeffrey Cilia kompla jixhed li fis-sebgha ta' Lulju 2002, u qal li kien gie nfurmat minn Ronald Sultana li xi hadd kien tefghalu xi bicciet tal-gebel, bicciet tal-*bricks*, fid-*drive in* tieghu u li anke kienet inbarxitlu l-karozza bin-numru ta' registrazzjoni CAD 118 li kienet ipparkjata hdejn d-dar tieghu. Qal li ovvjament, is-suspett kien waqa fuq l-imputata odjerna, w ghalhekk kien rega' baghat ghaliha, fejn din innegat kollox.

Qaltlu li kienet ghaddiet minn hdejn d-dar ta' Ronald Sultana pero la kienet wadbet gebel u lanqas barxet il-karozza tieghu. Qal li hu kien tkellem mar-ragel tal-imputata li kien spjegalu li martu kellha problemi psikjatrici

u li kien wkoll qata' qalbu minnha ghaliex hi tirrifjuta li tiehu l-medicina li jaghtuha t-tobba u kien voluntarjament iffirma biex martu l-imputata tidhol l-isptar Monte Carmeli ghal xi kura. Qal li fil-fatt l-imputata kienet ittiehdet l-klinika tal-Floriana fejn giet ezaminata minn Doctor Adrian Cordina li rrakkomanda li tiddahhal l-isptar Monte Carmeli u ittiehdet hemmhekk u baqghet hemm taht l-kura ta' Doctor Joseph Spiteri.

In kontr'ezami x-xhud qal li l-*frames* kien sabhom sid l-fond stess distrutti w imdendla mal-bieb ta' barra qabel ma l-imputata kienet giet arrestata. Qal li l-kaz kien gia beda jigi nvestigat pero mhux fil-konfront tal-imputata. Qal li mill-investigazzjonijiet li hu ghamel, rrizultalu li kellu jaghmel akkuza ta' serq mhux dik ta' hsara voluntarja.

Illi nhar t-tmintax ta' Novembru 2003 **xehed PS 836 Alexander Taliana** [fol 67] fejn qal li fl-ghoxrin ta' Settembru 2001 kien qed jinvestiga kaz dwar sgass fil-fond 'Roseville', Triq is-Sienja, H'Attard, proprjeta ta' Ronald Sultana. Qal li fuq il-post ma kienx hemm taqlib u oggetti misruqa ghajr xi *frames* tar-ritratti tal-familja Sultana, ma kienx hemm. Qal li ghal habta tal-Milied tal-istess sena, kien cempillu Ronald Sultana u qallu li l-*frames* minghajr r-ritratti kienu gew ritornati lilu mkissrin marbutin mal-bieb. Zied jghid li fl-erbgha ta' Lulju 2002, kien rega' cempillu Ronald Sultana u qallu li fid-*drive in* tad-dar tieghu kien ghadu kemm ra mara u mar isegwiha w ghalhekk hu kien ta struzzjonijiet sabiex jassistu lil Ronald Sultana. Sussegwentement din il-mara, li hija l-imputata odjerna, giet arrestata.

Qal li meta mar jaghmel tfittxija fid-dar taghha, 'Rainbow', Triq il-Pitkali, H'Attard, flimkien ma WPS 83 Sandra Galea Sillato, fil-*washroom*, qabzet l-imputata u qaltlu "inti mhux dawn trid" u minn taht kutra harget hames ritratti tal-familja Sultana. Qal li hu eleva dawn r-ritratti w ghaddihom lis-superjuri tieghu biex titkompla l-investigazzjoni necessarja. Meta x-xhud gie muri d-dokument JC, hu kkonferma li dawk kienu l-hames ritratti li eleva minghand l-imputata.

Illi nhar t-tmintax ta’ Novembru 2003 **xehdet WPS 83 Sandra Galea Sillato** [fol 70] fejn, wara li rat l-istqarrija esibita bhala dokument JC 2 rilaxxjata mill-imputata presenti fl-awla, ikkonferma li din ittiehdet fil-presenza taghha wara li giet moghtija s-solita twissija. Hi kkonfermat kemm il-firma taghha, dik tal-imputata kif wkoll tal-Ispettur Jeffrey Cilia. Ziedet tghid li hi assistiet lil PS 836 Alexander Taliana fit-tfittxija fir-residenza tal-imputata f’H’Attard. Qalet li huma kienu marru hemmhekk fil-hamsa ta’ Lulju u waqt li kienu qed jfittxu, l-imputata ghaddietilhom numru ta’ ritratti. Meta x-xhud giet murija d-dokument JC, ikkonfermat li dawk kienu l-istess ritratti li gew moghtija lilhom mill-imputata stess waqt t-tfittxija fir-residenza taghha.

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Settembru 2004 **xehed Doctor Joseph Spiteri** fejn qal li l-imputata presenti fl-awla kienet pazjenta tieghu minn Lulju 2002 sa Frar 2003 waqt li kienet mizmuma l-isptar Monte Carmeli. Qal li meta din giet rilaxxjata minn dan l-isptar, hu ma regghax raha w ghalhekk ma setghax jirrapporta fuq l-istat mentali taghha dakinhar. Qal li meta kienet taht l-kura tieghu l-imputata, din kienet qed issofri minn episodji ta’ depressjoni kif wkoll imgieba eccentrika u cioe kienet taghmel certu attivitajiet li wiehed ma jistenniex f’komportament normali fosthom li kien hemm xi allegazzjoni li dahlet f’xi dar u serqet xi ritratti. Qal li hu xtaq li l-imputata tkompli ssegwi l-*follow ups* fl-*out patient*, pero dawn l-appuntamenti ma zammithomx. Zied jghid li anke *social worker* kien baghat d-dar taghha, pero hija baqghet tinsisti li ma kellhiex ghalfejn tmur.

Illi nhar d-dsatax ta’ April 2006 rega’ **xehed Doctor Joseph Spiteri** [fol 118] fejn qal li lil imputata odjerna hu kien jikkuraha mis-sena 2002 sa dakinhar fuq sessjonijiet regolari. Qal li sussegwentement gie mqabbad jaghmel rapport dwar il-kaz fid-dettal u l-istorja antika taghha wkoll. Qal li fis-sena 1989 saret wkoll perizja fuqha minn Doctor Peter Muscat u l-Professur Abraham Galea.

Sa mis-sena 1988 l-imputata kienet diga taht l-kura ta’ Doctor Joseph Pisani u kien hemm *pattern* car li tiehu l-

kura ghal ftit w imbaghad ma tibqax tmur u din grat kemm il-darba u qed tigri bhalissa. Zied jghid li fil-perizja tas-sena 1989 kien gie rakkomandat li l-imputata tkun ammessa l-isptar Monte Carmeli ghal kura regolari. Tul iz-zmien din r-rakkomandazzjoni falliet.
Qal, b'referenza ghal kazwa odjerna, li hu kien ikkonfronta lil imputata dwar x-xhieda moghtija minn Ronald Sultana u l-Ispettur Jeffrey Cilia fejn kienet qaltlu li effettivament kienet ghamlet dawk l-affarijiet hemm imsemmija. Qaltlu li kienet dahlet fid-dar tal-girien u hadet xi ritratti w ghamlithom fid-dar taghha. Qal li spjegazzjoni ghal dan hi ma taghtux. Qal li fl-ahhar erbgha okkazzjonijiet li raha, kien baghat wkoll ghal zewgha biex jara s-sitwazzjoni d-dar kif kienet u dan qallu li ghalkemm huma mhux separati, ma joqghodx taht l-istess saqaf maghha. Qallu li hu jmur d-dar kuljum u jmur jorqod f'ghalqa. Qallu wkoll li l-istat mentali ta' martu kien iddisturbat minn dejjem. Zied jghidlu li kien hemm xi zmien meta hu kien jorqod b'sikkina taht s-saqqu ghaliex kien jibza minn martu w ghalhekk ma baqghax jorqod d-dar.

Kompla jghid li meta ezamina l-istat mentali tal-imputata mis-sena 2002 sab li din kienet tbati minn depressjoni u disturbi mentali. Qal li waqt wahda mis-sessjonijiet l-imputata kienet semmiet il-kelma 'kurda' li qaltlu li kienet tfisser li xi hadd li jidher u ma jidhirx. Zied jghid li skond studju psikjatriku dan ifisser 'neologism'. Qaltlu wkoll li xi girien jghajjruha kliem baxx bhal 'zibel' u li xi darba riedet tqeghdu f'postu lil dan il-'kurdu'. Qal li dawn huma sinjali cari ta' psikosi. Zied jghid li l-imputata hija maqtugha mir-realta. Kompla jghid li haga li nkwetatu hafna kien il-fatt li l-imputata tghid li mhux marida u li mhux lesta tiehu xi kura. Qal li llum il-gurnata jhoss li fejn qabel fil-perizja nhasset l-htiega li l-imputata tinzamm fil-komunita, issa l-allegati reati zdiedu mhux naqsu w id-disturbi mentali zdiedu u mhux naqsu u l-abilta li tara li ghandha bzonn l-ghajnuna huwa prattikament wieqaf.

Zied jghid li fil-fehma tieghu, l-ahjar haga ghal imputata hu li tigi rikoverata l-isptar ghaliex meta tigi biex tirreagixxi ghal dawn l-affarijiet, tkun fi stat li ma taghrafx x'inhu tajjeb u hazin w ghalhekk tkun qed tirreagixxi a bazi tad-

deluzjonijiet li jkollha. Meta l-*punto di partenza* ma tkunx realta, hi tispicca mhix kapaci taghraf t-tajjeb u l-hazin fiha. Qal li l-kondizzjoni taghha hija esiztenti sa anke qabel ma gew kommessi dawn r-reati fis-sena 2001. Qal li l-ewwel darba li ra lil imputata kien fis-sena 2002 meta l-imputata kienet iddahhlet l-isptar permezz tal-pulizija. Qal li meta kien ezaminha fis-sena 2002, kien in konnessjoni ma dan l-istess reat li kienet dahlet f'dar u serqet xi haga. Zied jghid li dak z-zmien r-rakkomandazzjoni tieghu kienet li tinzamm bhala *outpatient* u dan ghaliex kienet lesta li tiehu medicina u haditha u marret ahjar. Qal li bejn s-sena 2002 u l-bidu ta' dik is-sena, kien hemm perjodu ta' vojt fis-sens li ma marritx ghandu l-imputata. Zied jghid li meta qal li l-allegati reati zdiedu ried ifisser minn mindu nzammet l-ewwel perizja taht l-Professur Abraham Galea u sar ir-reat in dezamina. Qal li l-kwistjonijiet li kien jkollha fil-passat, kienu bejnha u bejn zewgha. Ix-xhud esibixxa r-rapport li hu hejja li gie mmarkat bhala dokument JS [fol 122 et seq tal-atti].

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2004 **xehed PS 198 Arthur Debattista** [fol 86] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita a fol 23 tal-atti, konsistenti f'tehid ta' tmien ritratti.

Illi nhar s-sitta ta' Dicembru 2004 **xehed Ronald Sultana** [fol 89] fejn qal li hu Professur tas-Socjologija fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni fl-Universita ta' Malta. Qal li fis-sena 2001 kienu graw sensiela ta' incidenti fid-dar tieghu u anke kien sab il-bibien tad-dar tieghu mibruxa u xi kliem hazin fuqhom. Qal li l-ewwel darba li gara dan kien fit-tlettax ta' Settembru 2001 w t-tieni darba fl-ghoxrin ta' Settembru 2001. Qal li fl-ewwel okkazzjoni ma kienx induna li kienu naqsu xi oggetti pero fit-tieni okkazzjoni nduna li kienu naqsu xi frames bir-ritratti tat-tfal u tal-mara tieghu. Qal li l-ghassa ghamel diversi rapporti dwar dawn l-incidenti. Qal li dak iz-zmien ma kellux suspetti f'min seta' kien il-malvivent.

Spjega kif fl-ghoxrin ta' Frar 2002 kien sab l-*frames* go borza tal-plastic mdendla mal-bieb ta' barra, u li sussegwentement, nhar l-erbgha ta' Lulju 2002, waqt li

kien qed jistrieh xi l-hamsa ta’ wara nofsinhar, semgha lil xi hadd jpoggi xi haga mal-bieb u meta mar jittawwal, sab ir-ritratt tal-mara tieghu li kien gie misruq aktar qabel, imqatta bicciet. Qal li hareg mill-ewwel u ra mara miexja fit-triq li kienet l-imputata.

Ikkonferma li hu ma jafhiex pero mar fuqha u staqsiha jekk kienetx hi li poggiet r-ritratt mal-bieb tad-dar tieghu u din qaltlu ‘ma tarax’ u bdiet tkellmu b’mod oxxen. Kompla jghid li ghalhekk qabad u dahal fil-karozza u baqa jsegwiha u cempel lil pulizija filwaqt li baqa jdur warajha f’H’Attard. Qal li xi hin waslu l-pulizija w arrestawha. Sostna kif sussegwentement l-pulizija dahlu fid-dar tal-imputata fejn sabu xi ritratti tal-familja tieghu ghandha.

Kompla jghid li ghalkemm l-imputata toqghod ezatt warajh, ma jafhiex. Qal li mill-*washroom* tal-imputata tista thares lejn il-bitha tieghu. Qal li dak z-zmien l-imputata bdiet taghmel certi mossi lilu u lil uliedu. Qal li l-karozza tieghu giet mibruxa f’diversi okkazzjonijiet. Qal li anke telefonati anonimi kien jircievi u hu kien jaf li dawn gejjin minghand l-imputata. Zied jghid li anke *death threats* ircievew bil-posta. Qal li hu ma jrid xejn mill-imputata, hlief li thalli lilu u lil familja tieghu bi kwiethom.

Meta gie muri d-dokument JC ix-xhud ikkonferma li dawk huma ritratti tat-tfal tieghu, tal-persuna tieghu u ta’ martu filwaqt li d-dokument JC 1 huwa r-ritratt ta’ martu li kien sab imqatta wara l-bieb. Hu cahad li hu mqabbad mal-imputata u rega’ tenna li kull ma jrid hu li thalli lil familja tieghu bi kwietha.
Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Dicembru 2004 **xehed PS 1043 Frank Pace** [fol 93] w esibixxa l-okkorrenza rigwardanti rapport li kien sar minn Ronald Sultana fejn allega li kien gie misruq minn daru, liema okkorrenza giet mmarkata bhala dokument Z [fol 94].

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Dicembru 2004 **xehed l-Ispettur Dennis Theuma** [fol 97] fejn ikkonferma r-rapport maghmul minnu esibit fl-atti datat ghoxrin ta’ Settembru 2001 lil Magistrat tal-Ghassa Dottor Antonio Micallef Trigona.

Illi nhar d-diSgha ta' Dicembru 2005 **xehed Dottor Richard Sladden** [fol 111] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu a fol 30 tal-atti.

Illi **l-imputata ma xehditx f'dawn il-proceduri ghalkemm irrilaxxjat stqarrija** a tempo vergine tal-investigazzjoni, liema stqarrija tinsab esibita fl-ati a fol 65 w immarkata bhala dokument JC 2.

Minn ezami tal-istess, jirrizulta li verament l-imputata hadet xi ritratti minghand l-familja Sultana minn gewwa darhom f'Settembru 2001 u dan billi mbuttat il-bieb u dahlet gewwa u hadet l-*frames* mill-kuridur. Hija spjegat li hadithom d-dar u wara xi zmien kissret il-*frames* u dendlithom mal-bieb tal-familja Sultana, go *basket*. Ir-ritratti zammithom d-dar pero ma tatx kazhom. Mistoqsija ghaliex ghamlet hekk, qalet li xtaqet li l-familja Sultana jiehdu qata'. Mistoqsija kellhiex xi tghid maghhom, wiegbet fin-negattiv u qalet li qatt ma kellmithom pero fl-istess nifs qalet li kienu qabdu maghha.

Ikkunsidrat:

Illi principalment l-imputata hija akkuzata bir-reat ta' serq kif kkwalifikat bil-lok u bil-mezz ghad-dannu ta' Ronald Sultana.

Kif imfisser fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghaxra ta' Jannar 1942*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Felice,** ghalkemm l-ligi taghna ma taghtix d-definizzjoni ta' serq, huwa pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza nostrana, li s-serq huwa l-<u>kontrattazzjoni doluza ta' haga mobbli li ghandha valur, maghmul ghad-dannu u kontra l-volunta tas-sid bi skop li jsir minnha profitt.</u>

Issa mill-provi prodotti, jirrizulta anke mix-xhieda li taw l-Ispettur Jeffrey Cilia u Ronald Sultana, l-imputata hadet xi hames *frames* mid-dar tieghu u rriitornathom ftit wara miksurin. Illi pero, zammet ir-ritratti li kienu fil-*frames*, liema ritratti huma tal-familja Sultana.

Ghalhekk mill-provi prodotti jirrizultaw bic-car akkuzi ohra li setghu nghataw mill-prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputata, fosthom dhul mhux peress fi proprjeta ta’ terzi, hsara voluntarja u anke li qalet kliem baxx w oxxen kif del resto qal Ronald Sultana fix-xhieda tieghu.

Illi ghal ezistenza tar-reat ta’ serq pero mhux bizzejjed li jkun hemm l-ispostament tal-oggett, kif hemm f’dan l-kaz u li dan isir ghad detriment u minghajr il-volunta tas-sid tal-oggetti hekk spostjati, <u>izda</u> huwa necessarju wkoll li l-haga mobbli li hija l-oggett tas-serq ghandu valur u li t-tehid tieghu isir bi skop li jsir minnu profitt.

Fil-fatt fis-sentenzi moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fit-tlieta ta’ Frar 1943*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Chetcuti, Il-Pulizija v Catherine Farrugia** ***deciza nhar l-wiehed u tletin ta’ Jannar 1959*** u **Il-Pulizija v Martin Dimech** ***deciza nhar l-ghaxra ta' Lulju, 1998,*** gie mfisser li biex ikun hemm l-*animus lucrandi*, hemm bzonn li l-haga misruqa jkollha xi valur, anke minimu, basta jkun hemm valur. Il-*lucrum* jista jikkonsisti anke fi kwalunkwe tgawdija, pjacir, jew sodisfazzjon li l-halliel jipprokura lilu nnifsu bil-haga misruqa. Mhux necessarju li l-gwadann pekunarju ikun dovut ghar-riciklagg tal-oggett misruq. Il-gwadann maghmul mill-uzu tal-haga, huwa bizzejjed.

Issa f’dan il-kaz, kull ma jirrizulta hu li l-imputata hadet hames *frames* mid-dar tal-familja Sultana, kissrithom, irritornathom b’basket tal-plastic u zammet r-ritratti. L-intenzjoni taghha zgur li ma jistax jinghad li kien wiehed ta’ serq ghaliex fil-fatt, meta fl-istqarrija li hi rrilaxxjat nhar l-hamsa ta’ Lulju 2002, hija giet mistoqsija ghaliex hadet l-*frames* u r-ritratti hija wiegbet ‘*ridtu jsib il-bieb miftuh u jsib xi haga nieqsa halli jiehu qata’ u jghid xi hadd dahal. Ridt nurihom li jew joqghodu kwieti jew hemm xi hadd iridilhom l-hsara*.’

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-intenzjoni tal-imputata zgur li ma kienx wiehed li taghmel xi gwadann ta’ materjal u lanqas b’mod iehor.

Illi ma hemmx dubbju wkoll li r-ritratti, ghalkemm jista jkollhom valur sentimentali, m'ghandhomx valur monetarju jew patrimonjali.

Fid-dawl tas-suespost, ghalhekk din l-akkuza ma tirrizultax ppruvata.
Fit-tieni lok, l-imputata giet akkuzata bir-reat ta' ricettazzjoni li nghatat mill-prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva li qatt ma messha nghatat.

Dan, il-Qorti qed tghidu ghaliex sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni tal-pulizija, u cioe minn meta l-imputata rrilaxxjat l-istqarrija, jirrizulta bic-car li kienet l-imputata li dahlet fil-fond tal-familja Sultana u hadet l-*frames* u dan fuq ammissjoni taghha stess.

Illi ghalhekk taht l-ebda cirkostanza ma jista jitqies li l-imputata rceviet jew xtrat xi oggett gej mill-kommissjoni ta' reat, ghaliex kienet hi li haditu b'mod illegittimu minghand sidu, w ghalhekk din t-tieni akkuza wkoll ma tirrizultax ppruvata.

Il-Qorti pero thossha ferm preokkupata b'dak li qal l-Psikjatra Doctor Joseph Spiteri fil-konfront tal-imputata u cioe li tbati minn disturb psikjatriku u recentement anke minn psikozi kronika b'deluzzjonijiet u li fil-fehma tieghu, gieli tagixxi fuq l-hsibijiet taghha u skond l-varjazzjoni tad-deluzzjonijiet taghha <u>tista tkun ta' perikolu lejha jew lejn haddiehor jew lejn s-socjeta in generali</u>.

L-istess psikjatra kkonkluda li l-imputata ghandha disturb psikjatriku akut u ghandha bzonn l-kura regolari u taht supervizzjoni regolari u kontinwa w ghalhekk issuggerixxa li din tigi rikoverata l-isptar u tiehu l-kura necessarja.

**Il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lill-imputata NATALINA sive NATHALIE MIFSUD hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha u tilliberaha minnhom.**

<u>Pero tordna lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu konjizzjoni tar-rapport tal-Psikjatra Doctor Joseph Spiteri</u>

presentat fl-atti sabiex a bazi tal-istess w in linea ma dak li jipprovdi l-artikolu 14(1) u (2) u 15 tal-Kap 262 tal-Ligijiet ta' Malta, jara li l-imputata tigi nvistata minn tabib bil-ghan li din tigi ammessa minnifuh b'ordni ta' emergenza fl-isptar Monte Carmeli.

**Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din s-sentenza, flimkien ma kopja tar-rapport psikjatriku jigu komunikati lil Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tal-isptar Monte Carmeli 'n linea ma dak fuq premess.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------